**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 7 ta` Novembru, 2017.**

**Talba Nru: 181/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Agius Ryan James**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-6 ta` April 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` disa' mija, sitta u erbgħin Ewro, tmienja u tletin ċenteżmu (€946.38ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40464870, wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta` attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, inkluż dawk tal-ittra uffijċali 1024/16, u l-imgħax mit-8 ta` Ġunju 2016 meta ġiet preżentata l-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta` din il-kawża (Dok.'A', fol. 2); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta` attriċi kellha mal-konvenut (Dok.'B', fol. 3); u (iii) kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva li s-soċjeta` attriċi preżentat kontra l-konvenut fis-6 ta` Ġunju 2016 (Dok.'C', fol. 4).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smiġħ, pero` baqa' ma ppreżentax Risposta.

Ra n-Nota ta` Riduzzjoni ppreżentata mis-soċjeta` attriċi fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2017 li permezz tagħħa rriduċiet it-talba tagħħa għas-somma ta` tmien mija, sitta u erbgħin Ewro, tmienja u tletin ċenteżmu (€846.38ċ).

Ra li fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2017, deher il-konvenut li ammetta t-talba kif ridotta.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sufficjentement pruvata, bl-ammissjoni tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` tmien mija, sitta u erbgħin Ewro, tmienja u tletin ċenteżmu (€846.38ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**